2024/1745

24.6.2024

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2024/1745

tal-24 ta' Ġunju 2024

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1744 tal-24 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014 ([2]).

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ([3]).

(3) Fl-24 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744, li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK.

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 temenda l-projbizzjoni fuq l-inżul l-art fi, il-qtugħ mill-art minn jew it-titjir minn fuq it-territorju tal-Unjoni biex ikun previst li din tapplika wkoll għal kwanlunkwe inġenju tal-ajru li jintuża għal titjira mhux skedata u li fir-rigward tiegħu persuna fiżika jew ġuridika Russa, entità Russa jew korp Russu jkunu f'pożizzjoni li jiddeterminaw b'mod effettiv il-post jew il-ħin tal-qtugħ mill-art jew l-inżul l-art tiegħu, bħal pereżempju biex tiġi ssodisfata t-talba ta' persuni fiżiċi Russi biex jiġu ttrasportati f'destinazzjonijiet speċifiċi ta' vaganza jew it-talba ta' persuni ġuridiċi Russi biex jittrasportaw lill-impjegati tagħhom lejn laqgħat ta' ħidma fl-Unjoni jew lill-klijenti tagħhom lejn destinazzjonijiet turistiċi. Dik l-emenda hi maħsuba biex jiġu evitati prattiki ta' ċirkomvenzjoni għall-projbizzjoni ta' nżul l-art, qtugħ mill-art jew titjir minn fuq it-territorju tal-Unjoni u biex issir aktar ħidma għall-kisba tal-objettiv li tiġi eżerċitata indirettament pressjoni massima fuq il-Gvern Russu sabiex itemm l-azzjonijiet u l-politiki tiegħu li jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna u l-aggressjoni militari kontra tagħha. Il-projbizzjoni ma tapplikax għal inġenju tal-ajru imtajjar minn bdot Russu, li ma tkunx f'pożizzjoni li tiddetermina b'mod effettiv il-post jew il-ħin tal-qtugħ mill-art jew l-inżul l-art, bħal fil-każ ta' bdoti impjegati minn trasportaturi tal-ajru mhux Russi. Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 temenda wkoll l-istess projbizzjoni li tiġi introdotta eżenzjoni għal ċerti inġenji tal-ajru meta jintużaw għal titjiriet privati, mhux korporattivi, imwettqa fit-territorju jew l-ispazju tal-ajru tal-Unjoni għal skopijiet rikreattivi jew ta' taħriġ.

(5) Bl-għan li jkun hemm sett ta' regoli uniformi madwar l-Unjoni u li tiġi miġġielda ċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjoni tat-titjiriet, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tintroduċi wkoll obbligu għall-operaturi li jipprovdu, għal titjiriet mhux skedati, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tat-tluq, tad-destinazzjoni jew tat-titjir minn fuqu, l-informazzjoni meħtieġa għall-fini tal-verifika tal-konformità mal-projbizzjoni tat-titjiriet, inkluż informazzjoni dwar is-sjieda tal-inġenju tal-ajru u, fejn jeżistu raġunijiet raġonevoli biex jiġi ssuspettat li teżisti ċirkomvenzjoni tal-projbizzjoni tat-titjiriet, dwar il-passiġġieri. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tiġi pprovduta sal-iskadenza stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri kkonċernati.

(6) Dak l-obbligu jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). B'mod partikolari, kwalunkwe pproċessar ta' data personali jenħtieġ li jibqa' limitat għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Għall-finijiet tal-applikazzjoni

([1]) ĠU L, 2024/1744, 24.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1744/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jenħtieġ li l-kunċett ta' titjiriet mhux skedati jiġi interpretat f'konformità mad-definizzjoni ta' "servizz tal-ajru skedat" stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(7) Sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 temenda l-projbizzjoni fuq it-trasport tal-merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu. L-operaturi tal-Unjoni li 25 % jew aktar tas-sjieda tagħhom tkun ta' persuna fiżika jew ġuridika Russa jenħtieġ li jiġu pprojbiti milli jsiru impriża tat-trasport bit-triq jew milli jittrasportaw merkanzija bit-triq fl-Unjoni, inkluż fi tranżitu. Il-projbizzjoni ma tapplikax għal impriżi tat-trasport bit-triq li huma fis-sjieda ta' persuni b'ċittadinanza doppja jew ċittadini Russi li għandhom permess ta' residenza temporanja jew permanenti fi Stat Membru. L-impriżi tat-trasport bit-triq jenħtieġ li jiddivulgaw l-istruttura tas-sjieda tagħhom lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fuq talba tagħhom.

(8) Minħabba li hemm stokks konsiderevoli ta' djamanti miżmuma barra mir-Russja li ma għadhomx jipprovdu dħul lir-Russja, iżda li jista' jkollhom bżonn jiġu esportati għall-ipproċessar jew importati wara l-ipproċessar, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tiċċara li d-djamanti mhux maħduma importati mir-Russja qabel l-1 ta' Jannar 2024 u d-djamanti llustrati importati mir-Russja jew manifatturati qabel l-1 ta' Marzu 2024 jew l-1 ta' Settembru 2024, skont il-piż tad-djamant, mhumiex koperti mill-projbizzjoni fuq id-djamanti. Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 temenda wkoll il-projbizzjoni fuq id-djamanti Russi sabiex tippermetti l-importazzjoni jew l-esportazzjoni temporanja ta' ġojjellerija għal tiswijiet, irkantijiet u fieri kummerċjali. Hija temenda wkoll il-kamp ta' applikazzjoni u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-rekwiżi li tiġi pprovduta evidenza bbażata fuq it-traċċabbiltà.

(9) Is-suq għall-ġojjellerija li tinkorpora d-djamanti huwa dinji u interkonness mill-qrib. Il-miżuri restrittivi li jikkonċernaw tali ġojjellerija huma aktar effettivi u hu inqas probabbli li jiġu evitati meta imposti f'allinjament mas-sħab ewlenin tal-Unjoni, bħall-G7. Konsegwentement, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tipprevedi li l-projbizzjoni indiretta fuq l-importazzjoni ta' djamanti Russi pproċessati f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja, temporanjament m'għandhiex tapplika għal ġojjellerija li tinkorpora tali djamanti sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor, fid-dawl tal-azzjoni meħuda fi ħdan il-G7 biex issir dik il-miżura.

(10) Ir-Russja tikseb dħul sinifikanti mill-bejgħ u t-trasport tal-gass naturali likwifikat (LNG). Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tipprojbixxi l-forniment ta' servizzi ta' tagħbija mill-ġdid fit-territorju tal-Unjoni għall-finijiet ta' operazzjonijiet ta' trażbord fejn tali servizzi jintużaw għat-trażbord ta' LNG Russu, ħlief fil-każ ta' tali trażbordi lejn l-Istati Membri. Dik il-projbizzjoni tkopri kemm it-trasferimenti minn vapur għal vapur kif ukoll it-trasferimenti minn vapur għal fuq l-art u l-operazzjonijiet ta' tagħbija mill-ġdid. Is-servizzi anċillari li jiffaċilitaw tali trażbord huma pprojbiti wkoll. Il-projbizzjoni ma taffettwax l-importazzjonijiet fl-Unjoni jew is-sigurtà tal-provvista tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja u tirrapporta lill-Kunsill l-iżviluppi fir-rigward tal-LNG marbuta mal-projbizzjoni u tipproponi miżuri ta' mitigazzjoni fil-każ ta' żviluppi importanti relatati magħha.

(11) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tipprojbixxi investiment ġdid u l-forniment ta' oġġetti, teknoloġija u servizzi għat-tlestija ta' proġetti tal-LNG bħal Arctic LNG 2 and Murmansk LNG. Jenħtieġ li dak ma jaffettwax ix-xiri u l-importazzjoni tal-LNG minn terminals Russi u servizzi finanzjarji pprovduti lil tali proġetti tal-LNG. Tali miżura tillimita l-espansjoni tal-kapaċità tal-LNG tar-Russja u b'hekk tillimita d-dħul tar-Russja.

(12) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tintroduċi restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' LNG Russu minn terminals tal-LNG tal-Unjoni li mhumiex konnessi mas-sistema interkonnessa tal-gass naturali. Din hija miżura mmirata li taffettwa biss faċilitajiet speċifiċi f'ċerti Stati Membri. Dan bl-ebda mod ma jimpedixxi l-importazzjonijiet ta' LNG Russu permezz ta' faċilitajiet oħra fl-Unjoni u ma għandha l-ebda effett negattiv fuq is-suq tal-gass tal-Unjoni u s-sigurtà tal-provvista tagħha, inkluż fuq il-volumi disponibbli u fuq il-prezzijiet. Jenħtieġ li dawk ir-restrizzjonijiet ma taffettwax il-provvista ta' LNG Russu mit-territorju kontinentali ta' Stat Membru lejn ir-reġjuni ultraperiferiċi tiegħu.

(13) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tintroduċi projbizzjoni settorjali li tipprojbixxi l-aċċess għall-portijiet u l-imgħalaq tal-Istati Membri kif ukoll firxa wiesgħa ta' servizzi relatati mat-trasport marittimu għal bastimenti li jikkontribwixxu għall-kapaċità tar-Russja li twettaq gwerra kontra l-Ukrajna. Jenħtieġ li dik il-miżura tillimita l-attività ta' bastimenti

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

involuti fit-trasport ta' oġġetti li jiġġeneraw dħul għall-gwerra tar-Russja jew bastimenti operati biex jikkontribwixxu jew jappoġġaw azzjonijiet jew politiki li jappoġġaw l-azzjonijiet tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-bastimenti soġġetti għall-miżuri restrittivi huma elenkati fl-Anness XVI tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/….[+]. Il-miżuri restrittivi tal-Unjoni, li huma għodda essenzjali tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, mhumiex diretti lejn bastimenti li jtajru bandiera tal-Unjoni. Tali bastimenti joperaw skont il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali u jridu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw u jinfurzaw il-miżuri restrittivi tal-Unjoni fil-ġuriżdizzjonijiet rispettivi tagħhom fir-rigward ta' bastimenti li jtajru bandiera tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni fuq l-aċċess għall-port għal bastimenti li jtajru l-bandiera Russa u żżid deroga.

(14) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tintroduċi projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti ta' proprjetà kulturali Ukreni u oġġetti oħra ta' importanza arkeoloġika, storika, kulturali, xjentifika rari jew reliġjuża, fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li l-oġġetti tneħħew illegalment mill-Ukrajna. Barra minn hekk, tintroduċi projbizzjoni fuq servizzi relatati.

(15) Fl-2020, ir-Russja introduċiet dispożizzjonijiet ġodda fil-Kodiċi ta' Proċedura ta' Arbitraġġ tagħha bil-għan li jiżguraw, sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor minn trattat internazzjonali tar-Russja jew bi ftehim tal-partijiet, il-kompetenza esklużiva tal-qrati fir-Russja f'tilwim bil-parteċipazzjoni ta' persuni li fir-rigward tagħhom jiġu applikati miżuri restrittivi jew f'tilwim ta' persuna Russa jew barranija ma' persuna oħra Russa jew barranija, jekk il-bażi għal tali tilwim tkun miżuri restrittivi. Tali leġiżlazzjoni, li ġiet applikata b'mod estensiv mill-qrati Russi, għandha l-objettiv jew l-effett ċar li tisforza s-sodisfar tal-pretensjonijiet kontra assi ta' kumpaniji tal-Unjoni f'ġuriżdizzjoni barranija, pretensjonijiet li altrimenti jkunu pprojbiti milli jissodisfaw skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jew tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([5]). Konsegwentement, bil-ħsieb li żżid il-kost fuq il-Federazzjoni Russa tal-azzjonijiet illegali tagħha fl-Ukrajna, u li tiddeterminaha li ttemm tali azzjonijiet, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tippermetti l-possibbiltà li l-kumpaniji li jagħmlu użu minn dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi Russa jiġu soġġetti għal projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet.

(16) Il-Bank Ċentrali tar-Russja żviluppa s-"System for Transfer of Financial Messages (SPFS)", servizz speċjalizzat ta' messaġġi finanzjarji biex tiġi skambjata data finanzjarja, li għandu l-għan li jinnewtralizza l-impatt tal-miżuri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014, b'mod partikolari fir-rigward tas-settur bankarju u finanzjarju. Bil-ħsieb li jitrażżan l-iżvilupp tal-SPFS, titnaqqas il-kapaċità tar-Russja li twettaq gwerra u tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tipprojbixxi lill-entitajiet tal-Unjoni li joperaw barra mir-Russja milli jikkonnettjaw direttament mal-SPFS jew ma' servizzi speċjalizzati ta' messaġġi finanzjarji ekwivalenti stabbiliti mill-Bank Ċentrali tar-Russja, u żżid projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet fuq l-operaturi tal-Unjoni mal-entitajiet speċifikament elenkati li jużaw dik is-sistema barra mir-Russja. Dawk il-miżuri ma jikkonċernawx entitajiet stabbiliti u li joperaw fir-Russja, inkluż sussidjarji ta' entitajiet tal-Unjoni. Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 ma tipprojbixxix lill-entitajiet tal-Unjoni milli jinnegozjaw ma' entitajiet Russi li jużaw l-SPFS, dment li dawk l-entitajiet tal-Unjoni nfushom ma jikkonnettjawx mal-SPFS. Barra minn hekk, sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati fuq il-finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali leġittimi u l-pagament tagħhom, u tranżazzjonijiet għal skopijiet ġustifikati oħra, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tistabbilixxi wkoll eċċezzjonijiet immirati li jippermettu lill-entitajiet tal-Unjoni jikkonnettjaw mal-SPFS.

(17) Ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji stabbiliti barra mir-Russja jistgħu jkunu qed jiffaċilitaw tranżazzjonijiet li jfixklu l-miżuri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014. Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tistabbilixxi projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet fuq operaturi tal-Unjoni ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji kif ukoll ma' fornituri tal-kriptoassi, stabbiliti barra mill-Unjoni, meta l-Kunsill ikun iddetermina li dawk l-entitajiet jiffaċilitaw tranżazzjonijiet li jappoġġaw il-bażi tad-difiża industrijali tar-Russja permezz tal-esportazzjoni, il-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew it-trasport lejn ir-Russja ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, oġġetti u teknoloġija kif elenkati fl-Annessi XI, XX u XXXV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, oġġetti komuni ta' prijorità għolja kif

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).

elenkati fl-Anness XL tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jew armi tan-nar u munizzjon kif elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(18) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tkompli twessa' l-projbizzjoni eżistenti fuq l-għoti ta' appoġġ, inkluż il-finanzjament u l-assistenza finanzjarja jew kwalunkwe benefiċċju ieħor, minn programm tal-Unjoni, tal-Euratom jew ta' Stat Membru lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja jew lil kwalunkwe persuna ġuridika, entita jew korp li fihom għandhom il-maġġoranza tas-sjieda. Ġew introdotti wkoll eżenzjonijiet immirati.

(19) Sabiex ma jiġix ristrett bla bżonn id-dritt għall-impjieg ta' ċittadini tal-Unjoni li kienu jirrisjedu fir-Russja qabel l-invażjoni tal-Ukrajna fi Frar 2022 u li huma impjegati minn sussidjarji ta' entitajiet tal-Unjoni u ta' pajjiżi sħab fir-Russja, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 toħloq eżenzjoni mill-projbizzjoni li jiġu pprovduti ċerti servizzi lill-Gvern tar-Russja jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.

(20) Il-Gvern Russu u l-qrati Russi qed jieħdu azzjonijiet biex iċaħħdu b'mod illeġittimu lid-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-Istati Membri mill-protezzjoni tagħhom fir-Russja. Dan irriżulta f'vantaġġ kompetittiv mhux mistħoqq għall-industrija Russa u kkontribwixxa għad-dħul tar-Russja, li kompla jippermettilha twettaq gwerra fl-Ukrajna. Sabiex dan jiġi newtralizzat, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 timponi restrizzjonijiet fuq l-aċċettazzjoni ta' applikazzjonijiet għal reġistrazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali minn ċittadini Russi, persuni fiżiċi residenti fir-Russja u kumpaniji Russi. B'mod partikolari, u mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali tagħhom, jenħtieġ li l-Uffiċċji tal-Proprjetà Intellettwali u istituzzjonijiet kompetenti oħra ma jippermettux il-preżentazzjoni ta' tali applikazzjonijiet. Barra minn hekk, f'konformità ma' tali obbligu, jekk jiġu ppreżentati applikazzjonijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Uffiċċji tal-Proprjetà Intellettwali u istituzzjonijiet kompetenti oħra ma jkunux meħtieġa joħorġu deċiżjoni formali ta' rifjut, biex b'hekk tkun possibbli l-preżentazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni ladarba r-restrizzjoni attwali titħassar. Sabiex tiġi implimentata dik ir-restrizzjoni, jenħtieġ li l-Uffiċċji tal-Proprjetà Intellettwali u istituzzjonijiet kompetenti oħra jkunu jistgħu jitolbu l-informazzjoni meħtieġa mingħand persuni fiżiċi u kumpaniji li japplikaw għar-reġistrazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali rilevanti.

(21) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tintroduċi projbizzjoni fuq l-aċċettazzjoni, minn partiti, fondazzjonijiet politiċi, alleanzi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, inklużi gruppi ta' riflessjoni u fornituri ta' servizzi tal-media fl-Unjoni, ta' finanzjament, donazzjonijiet jew kwalunkwe benefiċċju jew appoġġ ekonomiku ieħor mir Russja, kemm direttament jew indirettament. Fid-dawl tat-tkomplija tal-isforzi koordinati mir Russja biex jinterferixxu mal-proċessi demokratiċi fl-Unjoni u biex jimminaw il-pedamenti demokratiċi tagħha, inkluż permezz ta' kampanji ta' influwenza u l-promozzjoni tad-diżinformazzjoni, bl-għan li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u permezz tal-promozzjoni ta' propaganda favur ir-Russja bl-għan li tiġġustifika u tappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa xieraq li l-finanzjament mill-Istat Russu u mill-proxies tiegħu lil atturi fl-Unjoni li jagħmlu parti mill-proċessi li jiffurmaw l-opinjoni pubblika jkun ipprojbit. Dawk il-propaganda u l-kampanji ta' diżinformazzjoni huma kapaċi jimminaw il-pedamenti tas-soċjetajiet demokratiċi u huma parti integrali mill-armerija ta' attakki ibridi moderni. Ir-restrizzjoni ta' dak l-appoġġ finanzjarju għandha l-għan li tissalvagwardja l-integrità tal-proċessi politiċi tal-Unjoni, tipproteġi liċ-ċittadini tal-Unjoni mill-manipulazzjoni u tiddefendi l-affarijiet interni tal-Unjoni minn interferenza malizzjuża, billi tiżgura l-protezzjoni tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u l-pluraliżmu tal-media. L-Istati Membri jistgħu jiġġieldu kontra tali interferenza fil-proċessi demokratiċi u kontra d-dgħajfien tal-pedamenti demokratiċi, kif xieraq fil-limiti tal-oqfsa ta' konformità nazzjonali li jeżistu. B'mod konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà kif rikonoxxuti fl-Artikoli 11, 16 u 17, rispettivament, tagħha, dik ir-restrizzjoni ma żżommx lil fornituri ta' servizzi tal-media u l-persunal tagħhom milli jwettqu kwalunkwe attività oħra fl-Unjoni, bħal riċerka u intervisti. Barra minnhekk, dik ir-restrizzjoni ma timmodifikax l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż fil-Karta, u fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom.

(22) Bil-ħsieb li tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjoni ta' infurzar, huwa xieraq li l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-penali imposti għal ksur tal-miżuri restrittivi.

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-tranżitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).

(23) F'konformità mal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni li tippreserva l-paċi, li ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali u li tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, u b'mod aktar speċifiku l-objettivi li qed issir ħidma fuqhom bid-Deċiżjoni 2014/512/PESK, huwa xieraq li jiġi żgurat li d-dokumenti miżmuma mill-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") dwar l-infurzar tal-miżuri restrittivi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014, jew dwar il-prevenzjoni tal-ksur jew iċ-ċirkomvenzjoni ta' dawk il-miżuri, ikunu soġġetti għas-segretezza professjonali u jgawdu l-protezzjoni mogħtija mir-regoli applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, peress li l-informazzjoni li tinsab f'dawk id-dokumenti tista' tintuża biex tostakola l-infurzar ta' dawk il-miżuri jew biex tiġi kompromessa l-effettività tagħhom, peress li l-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jaġixxu b'tali mod li jipprevjenu l-infurzar tagħhom. Jenħtieġ li dik il-protezzjoni tiġi żgurata wkoll għal proposti mir-Rappreżentant Għoli għall-emendar tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 u kwalunkwe dokument preparatorju relatat peress li l-iżvelar tagħhom jista' jaffettwa l-effettività tal-miżuri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 u t-tħejjija ta', u n-negozjar fuq il-bażi ta', proposti futuri. Ċerti miżuri li huma inklużi f'tali proposti, u li ma jistgħux jiġu adottati mill-Kunsill għal diversi raġunijiet, spiss jiġu inklużi mir-Rappreżentant Għoli fi proposti sussegwenti. Huwa importanti li dik is-setgħa ta' inizjattiva tiġi protetta minn kwalunkwe influwenza eżerċitata minn interessi pubbliċi jew privati li jippruvaw, "il barra mill-konsultazzjonijiet organizzati, iġieħlu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lis-servizzi tal-Unjoni jipproponu, jadottaw, jemendaw jew jaqblu dwar emenda. L-iżvelar tagħhom jista" jagħmel il-miżuri ġodda possibbli ineffettivi minħabba l-fatt li l-adozzjoni maħsuba tagħhom kienet diġà ġiet żvelata. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi preżunt li l-iżvelar ta' dawk id-dokumenti jippreġudika s-sigurtà tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha jew għat-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom.

(24) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744[+] tintroduċi deroga li tippermetti s-sodisfazzjon ta' ċerti talbiet imressqa minn persuni, entitajiet u korpi Russi jekk dak ikun strettament meħtieġ għall-iżvestiment mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja.

(25) Huwa xieraq li jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jippermettu liċ-ċittadini u lill-kumpaniji tal-Istati Membri jiksbu kumpens minn individwi u entitajiet Russi li kkawżawlhom danni. Dan jinkludi danni kkawżati lill-kumpaniji proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, b'rabta ma' kuntratt jew tranżazzjoni li l-prestazzjoni tagħhom kienet affettwata mill-miżuri imposti skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014, u mal-ġestjoni temporanja illeġittima imposta b'deċiżjoni tat-tmexxija Russa mmirata lejn proprjetajiet ta' persuni barranin, li jinsabu fit-territorju tal-Federazzjoni Russa, li huma assoċjati ma' "stati barranin ostili", jiġifieri, stati li introduċew miżuri restrittivi kontra r-Russja. Il-kumpens jista' jinkiseb dment li tali deċiżjoni tkun illegali skont id-dritt internazzjonali konswetudinarju jew skont trattat bilaterali ta' investiment konkluż bejn Stat Membru u r-Russja. Fi kwalunkwe każ, il-kumpens jista' jintalab bil-kundizzjoni li ċ-ċittadin jew il-kumpanija tal-Istat Membru kkonċernat ma jkollhiex aċċess effettiv għal rimedji, pereżempju skont it-trattat bilaterali fuq l-investiment rilevanti. Tali kumpens jista' jintalab quddiem il-qrati tal-Istati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-liġi tal-Unjoni u tal-Istat Membru rigward il-ġuriżdizzjoni u l-proċeduri tal-qorti f'materji ċivili u kummerċjali, inkluż dawk li jikkonċernaw proċeduri possibbli ta' rimedju interim.

(26) Meta persuna fiżika jew ġuridika tiddivulga b'mod volontarju, kompletament u fi żmien debitu ksur tal-miżuri restrittivi, jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jqisu dik l-awtodivulgazzjoni meta japplikaw penali, kif ikun xieraq, f'konformità mal-liġi amministrattiva nazzjonali jew ma' liġi jew regoli nazzjonali rilevanti oħra. Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri skont id-Direttiva (UE) 2024/1226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) u r-rekwiżiti li jinsabu fiha fir-rigward ta' ċirkostanzi mitiganti japplikaw.

(27) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 japplika biss fil-limiti ġuriżdizzjonali definiti fl-Artikolu 13 tiegħu. Fl-istess ħin, jekk l-operaturi tal-Unjoni jkunu jistgħu u jasserixxu b'mod effettiv influwenza deċiżiva fuq it-tmexxija ta' persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mill-Unjoni, dawn jistgħu jkunu responsabbli għall-azzjonijiet ta' dik il-persuna fiżika, l-entità jew il-korp li jfixklu l-miżuri restrittivi u jenħtieġ li jużaw l-influwenza tagħhom biex jipprevjenu dawk l-azzjonijiet milli jseħħu.

([7]) Id-Direttiva (UE) 2024/1226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' penali għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva (UE) 2018/1673 (ĠU L, 2024/1226, 29.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1226/oj).

(28) Tali influwenza tista' tirriżulta mis-sjieda jew mill-kontroll fuq il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp. Sjieda tfisser il-pussess ta' 50 % jew aktar tad-drittijiet proprjetarji tal-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp, jew interess maġġoritarju fihom. L-elementi li jindikaw kontroll jinkludu: id-dritt jew is-setgħa li tinħatar jew titneħħa maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju; id-dritt li jintużaw l-assi kollha tal-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp, jew parti minnhom; il-ġestjoni tan-negozju tal-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp fuq bażi unifikata, filwaqt li jiġu ppubblikati kontijiet konsolidati; jew id-dritt li tiġi eżerċitata influwenza dominanti fuq il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp.

(29) Huwa xieraq li l-operaturi tal-Unjoni jkunu meħtieġa jagħmlu mill-aħjar tagħhom biex jiżguraw li persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi stabbiliti barra mill-Unjoni li jkollhom fis-sjieda jew li jikkontrollaw ma jipparteċipawx f'attivitajiet li jfixklu l-miżuri restrittivi previsti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014. Tali attivitajiet huma dawk li jirriżultaw f'effett li dawk il-miżuri restrittivi jfittxu li jipprevjenu, pereżempju, li riċevitur fir-Russja jikseb oġġetti, teknoloġija, finanzjament jew servizzi ta' tip li huwa soġġett għal projbizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014.

(30) Jenħtieġ li l-aħjar sforzi jinftiehmu li jkunu l-azzjonijiet kollha xierqa u meħtieġa għall-kisba tar-riżultat li jkun il-prevenzjoni tat-tfixkil tal-miżuri restrittivi fir-Regolament (UE) Nru 833/2014. Dawk l-azzjonijiet jistgħu jinkludu, pereżempju, l-implimentazzjoni ta' politiki, kontrolli u proċeduri xierqa għall-mitigazzjoni u l-immaniġġar effettivi tar-riskju, waqt li jitqiesu fatturi bħall-pajjiż terz tal-istabbiliment, is-settur ta' negozju u t-tip ta' attività tal-persuna ġuridika, entità jew korp proprjetà tal-operatur tal-Unjoni jew taħt il-kontroll tiegħu. Fl-istess ħin, l-aħjar sforzi jenħtieġ li jinftiehmu bħala li jinkludu biss azzjonijiet li huma fattibbli għall-operatur tal-Unjoni minħabba n-natura tiegħu, id-daqs tiegħu u ċ-ċirkostanzi fattwali rilevanti, b'mod partikolari l-grad ta' kontroll effettiv fuq il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp stabbiliti barra mill-Unjoni. Tali ċirkostanzi jinkludu s-sitwazzjoni fejn l-operatur tal-Unjoni, minħabba raġunijiet li ma kkawżax huwa stess, bħal-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz, ma jkunx jista' jeżerċita kontroll fuq persuna ġuridika, entità jew korp li huwa s-sid tagħhom.

(31) L-Artikolu 12g tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jirrikjedi li l-operaturi tal-Unjoni kuntrattwalment jipprojbixxu r-riesportazzjoni lejn ir-Russja u r-riesportazzjoni għall-użu fir-Russja ta' oġġetti u teknoloġija sensittivi kif elenkati fl-Annessi XI, XX u XXXV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, ċerti oġġetti komuni ta' prijorità għolja kif elenkati fl-Anness XL tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jew armi tan-nar u munizzjon kif elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012 ("klawżola ta' esklużjoni tar-Russja"). Fil-każ ta' kuntratti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12g tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 li ġew konklużi qabel d-19 ta' Diċembru 2023, jenħtieġ li l-obbligu skont dak l-Artikolu jitqies bħala ssodisfat jekk il-kuntratt ikun fih klawżola ġenerali li tipprojbixxi l-esportazzjoni u r-riesportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija inkwistjoni lejn ġuriżdizzjonijiet fil-mira tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, u jistabbilixxi rimedji adegwati fil-każ ta' ksur ta' dik il-klawżola.

(32) Il-Kummissjoni ser tivvaluta l-impatt li d-dħul fis-seħħ tal-obbligu eżistenti skont l-Artikolu 12g tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 li tintuża "klawżola ta' esklużjoni tar-Russja" għandu fuq id-deterrenza taċ-ċirkomvenzjoni. Ser tivvaluta bir-reqqa wkoll id-data kummerċjali, l-istatistika tal-esportazzjoni u informazzjoni oħra li jikkonċernaw ix-xejriet taċ-ċirkomvenzjoni fir-rigward tal-oġġetti msemmija f'dak l-Artikolu, inkluż ir-rwol li s-sussidjarji tal-operaturi tal-Unjoni f'pajjiż terzi jista' jkollhom f'tali xejriet. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk il-"klawżola ta' esklużjoni tar-Russja" hijiex adatta għall-iskop tagħha u ser tqis kwalunkwe azzjoni adatta oħra biex tillimita l-aċċess tar-Russja għal oġġetti sensittivi li jippermettulha twettaq il-gwerra fl-Ukrajna, inkluż il-possibbiltà li tirrikjedi li l-operaturi tal-Unjoni jiżguraw li s-sussidjarji tagħhom f'pajjiżi terzi jużaw ukoll il-"klawżola ta' esklużjoni tar-Russja".

(33) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tirrikjedi li l-operaturi tal-Unjoni jipprojbixxu kuntrattwalment lill-kontropartijiet kummerċjali tagħhom f'pajjiżi terzi milli jużaw, jew jippermettu l-użu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, is-sigrieti kummerċjali jew il-materjal jew l-informazzjoni protetti bid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew protetti bħala sigriet kummerċjali ttrasferiti lilhom b'rabta ma' oġġetti komuni ta' prijorità għolja li għandhom jinbiegħu, jiġu fornuti jew esportati lejn ir-Russja jew għall-użu fir-Russja. Sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dak l-obbligu, l-operaturi tal-Unjoni jenħtieġ li jinkludu obbligu li jadottaw rimedji xierqa f'tali ftehimiet. L-operaturi tal-Unjoni jenħtieġ li jirrapportaw kwalunkwe ksur identifikat lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Fil-każ ta' kuntratti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-restrizzjoni li ġew konklużi qabel iil-25 ta' Ġunju 2024, jenħtieġ li l-obbligu jitqies bħala ssodisfat jekk il-kuntratt ikun fih klawżola ġenerali li tipprojbixxi l-użu, jew li tippermetti

l-użu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, is-sigrieti kummerċjali jew il-materjal jew l-informazzjoni protetti mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew protetti bħala sigriet kummerċjali inkwistjoni, u tistabbilixxi rimedji adegwati fil-każ ta' ksur ta' dik il-klawżola.

(34) Sabiex tgħin fil-ġlieda kontra r-riesportazzjoni ta' oġġetti komuni ta' prijorità għolja kif elenkati fl-Anness XL tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, misjuba fil-kamp tal-battalja fl-Ukrajna jew li huma kritiċi għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu tas-sistemi militari Russi, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tirrikjedi li l-operaturi tal-Unjoni li qed ibigħu, ifornu, jittrasferixxu jew jesportaw oġġetti komuni ta' prijorità għolja lil pajjiżi terzi, apparti l-pajjiżi sħab elenkati fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jimplimentaw mekkaniżmi ta' diliġenza dovuta li kapaċi jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji ta' riesportazzjoni lejn ir-Russja u jimmitigaw tali riskji. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tirrikjedi li l-operaturi tal-Unjoni jiżguraw li l-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi stabbiliti barra mill-Unjoni li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom ukoll jimplimentaw dawk ir-rekwiżiti.

(35) Fejn ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jirrikjedi li l-operaturi tal-Unjoni jiżguraw li persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbiliti barra mill-Unjoni li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom iwettqu ċerti azzjonijiet biex jipprevjenu l-esportazzjoni jew ir-riesportazzjoni ta' oġġetti jew teknoloġija lejn ir-Russja, jenħtieġ li tali rekwiżiti jiġu segwiti sa fejn ikun permess mil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz fejn il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp inkwistjoni jkunu stabbiliti.

(36) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tiċċara li l-protezzjoni kontra r-responsabbiltà li tingħata lill-operaturi tal-Unjoni jekk ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru l-miżuri restrittivi tal-Unjoni ma tistax tiġi invokata meta l-operaturi tal-Unjoni jkunu naqsu milli jwettqu d-diliġenza dovuta xierqa. Jenħtieġ li l-informazzjoni disponibbli pubblikament jew faċilment titqies kif xieraq meta titwettaq tali diliġenza dovuta. Għalhekk, pereżempju, jenħtieġ li operatur tal-Unjoni ma jkunx jista' jinvoka b'suċċess tali protezzjoni meta jiġi akkużat li kiser il-miżuri restrittivi rilevanti minħabba li jkun naqas milli jwettaq verifiki jew spezzjonijiet sempliċi.

(37) Sabiex jiġi żgurat allinjament mal-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-72/11, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 temenda d-dispożizzjoni li tipprojbixxi ċ-ċirkomvenzjoni biex jiġi ċċarat li r-rekwiżiti ta' għarfien u ta' rieda jiġu ssodisfati mhux biss meta persuna tfittex apposta l-għan jew l-effett li tevita l-miżuri restrittivi iżda wkoll meta persuna li tipparteċipa f'attività li jkollha l-għan jew l-effett li tevita l-miżuri restrittivi tkun konxja li tali parteċipazzjoni jista' jkollha dak l-għan jew dak l-effett, u taċċetta dik il-possibbiltà.

(38) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 iżżid 61 entità ġdida mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbilita fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiġifieri l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li jappoġġaw il-kumpless militari industrijali tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, kif ukoll oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ teknoloġiku tas-setturi tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja. Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tinkludi wkoll f'dik il-lista ċerti entitajiet f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja li huma involuti fiċ-ċirkomvenzjoni tar-restrizzjonijiet kummerċjali u li huma involuti fl-akkwist ta' oġġetti sensittivi użati, pereżempju, għall-produzzjoni ta' Inġenji tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord, jew li jipprovdu appoġġ materjali għal operazzjonijiet militari Russi.

(39) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tespandi l-lista ta' oġġetti li jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha billi żżid oġġetti li ntużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tas-sistemi militari tagħha, inkluż ċerti makkinarji għodda u ċerti "Vetturi li Jintużaw fuq Kull Xorta ta' Art".

(40) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 timponi aktar restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-titjib tal-kapaċitajiet industrijali Russi, bħal sustanzi kimiċi, inklużi minerali tal-manganiż u komposti ta' materjali tal-art rari, plastik, makkinarju tal-iskavar, monitors u tagħmir elettriku. Barra minn hekk, ħames oġġetti komuni ta' prijorità għolja ġew miżjuda mar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet tal-oġġetti.

(41) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tintroduċi aktar restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni tal-elju li tiġġenera dħul sinifikanti għar-Russja, u b'hekk tippermetti t-tkomplija tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.

(42) Il-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezz jipprevedi li proġetti speċifiċi li huma essenzjali għas-sigurtà tal-enerġija ta' ċerti pajjiżi terzi jistgħu jiġu eżentati mil-limitu massimu tal-prezz maqbul mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. F'koordinazzjoni mill-qrib mal-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2874 ([8]) testendi l-eżenzjoni prevista b'rabta mal-Proġett Sakhalin-2 (Сахалин-2), li jinsab fir-Russja, sat-28 ta' Ġunju 2025 biex jiġu żgurati l-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-enerġija tal-Ġappun.

(43) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744[+] tagħmel ċerti emendi tekniċi fit-test operattiv u l-annessi, filwaqt li tħassar ir-referenzi għall-perjodi tranżitorji li jkunu skadew. It-tħassir tar-referenzi għall-perjodi ta tranżizzjoni li diġà skadew mhux intenzjonata li jkollu effetti legali fuq kuntratti tal-imgħoddi jew li għadhom għaddejjin jew fuq l-applikabbilità ta' dawk il-perjodi ta' tranżizzjoni.

(44) L-Unjoni hija impenjata li tevita theddid għas-sikurezza u s-sigurtà nukleari. Konsegwentement, il-miżuri f'dan ir-Regolament ma jfittxux li jdgħajfu l-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-inġinerija, l-ikkummissjonar, il-manutenzjoni jew il-forniment tal-fjuwil tal-proġett nukleari Paks II li għadu kif inbena. Għal dik ir-raġuni, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tintroduċi eżenzjoni orizzontali mill-projbizzjonijiet f'dan ir-Regolament għall-proġett Paks II, b'obbligu ta' notifika għal tali attivitajiet.

(45) Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1744 tespandi l-lista ta' pajjiżi sħab li japplikaw sett ta' miżuri restrittivi fuq l-esportazzjoni jew sett ta' miżuri restrittivi fuq l-importazzjoni tal-ħadid u l-azzar u sett ta' miżuri ta' kontroll fuq l-importazzjoni li huma sostanzjalment ekwivalenti għal dawk li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 833/2014.

(46) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(47) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(ze) 'organizzazzjoni nongovernattiva' tfisser korp jew organizzazzjoni awtogovernattiva volontarja stabbilita biex tilħaq l-objettivi essenzjalment mingħajr skop ta' qligħ tal-fundaturi jew il-membri tagħha;

(zf) 'operazzjoni ta' trażbord' tfisser:

(i) trasferiment minn vapur għal vapur, li huwa operazzjoni simultanja ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid bi trasferiment dirett minn bastiment tal-gass naturali likwifikat għal bastiment ieħor tal-gass naturali likwifikat; jew

(ii) it-trasferiment u t-tagħbija mill-ġdid minn vapur għal fuq l-art, li jinkludu attivitajiet bħall-ħatt tal-gass naturali likwifikat minn bastiment għal tank terminali, il-ħażna tal-gass naturali likwifikat fit-tank, u t-tagħbija mill-ġdid fuq bastiment; dawk l-attivitajiet jistgħu jiġu kkummerċjalizzati bħala servizzi individwali jew bħala servizzi raggruppati.";

(2) fl-Artikolu 2(4), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) maħsuba għat-tħaddim, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;";

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2874 tat-18 ta' Diċembru 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L, 2023/2874, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2874/oj).

(3) fl-Artikolu 2a(4), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) maħsuba għat-tħaddim, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;";

(4) fl-Artikolu 3a(1), il-punt a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-akkwist ta' kwalunkwe parteċipazzjoni ġdida jew l-estensjoni ta' kwalunkwe parteċipazzjoni eżistenti fi kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporat jew kostitwit skont il-liġi tar-Russja jew ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor u li jopera fis-settur tal-enerġija fir-Russja, inklużi proġetti li qed jinbnew għall-produzzjoni tal-gass naturali likwifikat;"

(5) fl-Artikolu 3c, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6f. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, l-esportazzjoni u t-trasferiment tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 9026 00 00, kif elenkati fil-Parti B tal-Anness XI, li jinsabu fiżikament fl-Unjoni mill-25 ta' Ġunju 2024 għall-finijiet ta' manutenzjoni jew tiswijiet, jew l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, assigurazzjoni jew riassigurazzjoni, jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa strettament meħtieġ għall-funzjonament tal-Proġett Sakhalin-2 (Сахалин-2) biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija tal-Ġappun.";

(6) L-Artikolu 3d huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit li kwalunkwe inġenju tal-ajru operat minn trasportaturi tal-ajru Russi, inkluż bħala trasportatur ta' kummerċjalizzazzjoni f'arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-kodiċi jew spazju mblukkat, jew kwalunkwe inġenju tal-ajru reġistrat fir-Russja, jew kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux reġistrat fir-Russja li jkun proprjetà ta' kwalunkwe persuna Russa, fiżika jew ġuridika, jew noleġġat, jew ikkontrollat b'xi mod ieħor minnha, jinżel fit-territorju tal-Unjoni, li jitlaq minnu jew jittajjar minn fuqu. Il-projbizzjoni f'dan il-paragrafu għandha tapplika wkoll għal kwalunkwe inġenju tal-ajru ieħor li jintuża għal titjira mhux skedata u li fir-rigward tagħha persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu, ikun f'pożizzjoni li jiddetermina b'mod effettiv il-post jew il-ħin għall-qtugħ mill-art jew l-inżul l-art tiegħu. Il-projbizzjoni f'dan il-paragrafu ma għandhiex tapplika għal inġenji tal-ajru li għandhom kapaċità massima ta' postijiet bilqiegħda ta' 4 persuni u massa massima waqt il-qtugħ mill-art ta' mhux aktar minn 2 000 kg meta jintużaw għal titjiriet privati, mhux korporattivi, imwettqa fit-territorju u fl-ispazju tal-ajru tal-Unjoni għal finijiet rikreattivi jew għall-fini ta' taħriġ għal liċenzji ta' bdot privat u klassifikazzjonijiet relatati ma' fornituri ta' taħriġ tal-Unjoni.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5 ta', l-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom jipprovdu, għal titjiriet mhux skedati, , l-informazzjoni meħtieġa għall-fini tal-verifika tal-konformità mal-paragrafu 1, inkluż fost informazzjoni oħra:

(a) informazzjoni kredibbli u sodisfaċenti dwar is-sid benefiċjarju aħħari reali tal-inġenju tal-ajru u, fejn applikabbli, tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li fl-aħħar mill-aħħar jinnoleġġaw l-inġenju tal-ajru; u

(b) dikjarazzjoni ġenerali, manifest tal-passiġġieri u dokument uffiċjali ieħor li juri l-ismijiet sħaħ, id-dati tat-twelid, il-postijiet tat-twelid u ċ-ċittadinanzi tal-passiġġieri kollha u tal-membri tal-ekwipaġġ, fejn jeżistu raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta ċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1, abbażi ta' fatturi bħar-rotta u l-oriġini tat-titjira, jew informazzjoni dwar l-operatur rilevanti.

L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tat-tluq, tad-destinazzjoni jew tat-titjir minn fuqu.

L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta qabel l-inżul fit-territorju tal-Unjoni, it-tluq minnu jew it-titjir minn fuqu, sal-iskadenza stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri kkonċernati.

Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan il-paragrafu għandu jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) u biss sa fejn ikun meħtieġ għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(**) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).";

(5) L-Artikolu 3ea huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit li jingħata aċċess, wara s-16 ta' April 2022, għall-portijiet u, wara d-29 ta' Lulju 2022, għall-mgħalaq fit-territorju tal-Unjoni lil kwalunkwe bastiment irreġistrat taħt il-bandiera tar-Russja, u li tali bastimenti jaċċessaw portijiet u mgħalaq, bl-eċċezzjoni tal-aċċess għal mgħalaq għall-fini ta' ħruġ mit-territorju tal-Unjoni.";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (a), huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) vapur li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, inklużi repliki ta' bastimenti storiċi;";

(c) fil-paragrafu 5, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) it-trasport ta' fjuwil nukleari u oġġetti oħra strettament neċessarji għall-funzjonament tal-kapaċitajiet nukleari ċivili.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5c. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lil bastimenti li jkunu biddlu l-bandiera Russa tagħhom għall-bandiera ta' kwalunkwe Stat ieħor qabel is-16 ta' April 2022, biex jaċċessaw port jew magħlaq, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-bastiment:

(a) ġie ddikjarat abbandunat skont il-liġi ta' Stat Membru qabel l-24 ta' Frar 2022;

(b) kien soġġett għal bejgħ furzat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru qabel l-24 ta' Frar 2022; u

(c) kien jinsab fiżikamentfit-territorju ta' Stat Membru fiż-żmien tal-bejgħ furzat.";

(e) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 5, 5a, 5b u 5c fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(8) fl-Artikolu 3g, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XVII, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan ikun meħtieġ għall-istabbiliment, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza ta' kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(9) L-Artikolu 3i huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3c huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3c. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XXI, jew l-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan ikun meħtieġ għall-istabbiliment, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza ta' kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(b) jitħassar il-paragrafu 3ca;

(c) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3ce. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti li kienu jinsabu fiżikament fir-Russja qabel ma daħlet fis-seħħ il-projbizzjoni rilevanti fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8471, 8523, 8536 u 9027, kif elenkati fl-Anness XXI, jew l-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li dawk l-oġġetti huma komponenti ta' apparati mediċi u jiddaħħlu fl-Unjoni għall-fini ta' manutenzjoni, tiswija jew ritorn ta' komponenti difettużi.

3cf. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 28042910 u 284540, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-26 ta' Settembru 2024 ta' kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2024, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 3ab, 3c u 3e fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(10) L-Artikolu 3k huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 3aa.

(b) fil-paragrafu 5, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-istabbiliment, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3ad. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness XXIIIC, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-26 ta' Settembru 2024 ta' kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2024, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3ae. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2602, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-26 ta' Lulju 2024 ta' kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2024, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3af. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8481 80 u 8708 99, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-26 ta' Diċembru 2024 ta' kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2024, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(d) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"4a. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 1a u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-forniment relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent jew bħala rispons għal diżastri naturali.";

(e) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin;

"5d. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 3917, 8421, 8471, 8523, 8536 u 8544, kif elenkati fl-Anness XXIII, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li dawk l-oġġetti jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu meħtieġa għall-fini ta'manutenzjoni jew ta' tiswija ta' apparati mediċi.

5e. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, l-esportazzjoni u t-trasferiment tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8414 90 u 9026, kif elenkati fl-Anness XXIII, li jinsabu fiżikament fl-Unjoni mill-25 ta' Ġunju 2024 għall-fini ta' manutenzjoni jew tiswijiet, jew l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, assigurazzjoni jew riassigurazzjoni, jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa strettament meħtieġ għall-funzjonament tal-Proġett Sakhalin-2 (Сахалин-2) biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija tal-Ġappun.";

(f) il-paragrafu 5a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li ġejjin jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu meħtieġa għall-użu domestiku personali ta' persuni fiżiċi fir-Russja:

(a) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8417 20;

(b) viti, rubinetti u valvi li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8481 80 li huma ddisinjati għal sistemi sanitarji, tat-tisħin, tal-ventilazzjoni jew tal-arja kkundizzjonata;

(c) tubi, pajpijiet u fittings tal-pajpijiet tar-ram li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7411 jew 7412 li għandhom dijametru intern sa 50 mm.";

(g) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5aa. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3917 10, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jinbiegħu, jiġu fornuti, trasferiti jew esportati strettament għall-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem fir-Russja.";

(h) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Meta jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 5, 5a, 5aa, 5b, 5c u 5d, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja, jekk ikollhom raġunijiet validi biex jemmnu li l-oġġetti jista' jkollhom użu aħħari militari.";

(11) fl-Artikolu 31, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1b. Għandu jkun ipprojbit li kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni li 25 % jew aktar tas-sjieda tiegħu tkun ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu tingħata peress li ssir impriża tat-trasport bit-triq li tittrasporta merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.

1c. Għandu jkun ipprojbit, mis-26 ta' Lulju 2024 għal kwalunkwe impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fl-Unjoni wara t-8 ta' April 2022, li 25 % jew aktar tas-sjieda tagħha tkun ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu li tittrasporta merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.

1d. L-impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti fl-Unjoni għandhom, fuq talba tal-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, jipprovdu informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda tagħhom lil dik l-awtorità nazzjonali kompetenti.

2a. Il-paragrafi 1b u 1c ma għandhomx japplikaw għall-impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti fl-Unjoni li 25 % jew aktar tas-sjieda tagħhom tkun ta' ċittadini Russi li huma wkoll ċittadini ta' Stat Membru jew li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.";

(12) l-Artikolu 3p huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Mill-1 ta' Settembru 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' prodotti elenkati fil-Partijiet A u B tal-Anness XXXVIIIA, meta jkunu ġew ipproċessati f'pajjiż terz, li jikkonsistu minn djamanti li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja b'piż ta' 0,5 karat jew aktar jew 0,1 gramma għal kull djamant.

Fir-rigward tal-prodotti elenkati fil-Parti C tal-Anness XXXVIIIA, meta jkunu ġew ipproċessati f'pajjiż terz, li jinkorporaw djamanti li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja b'piż ta' 0,5 karat jew aktar jew 0,1 gramma għal kull djamant, il-projbizzjoni f'dan il-paragrafu għandha tapplika mid-data deċiża mill-Kunsill skont proposta ppreżentata fuq il-bażi tal-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea";

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4, l-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7102 31 00 u 7102 10 00 li jiġu importati fl-Unjoni għandhom jiġu sottomessi għall-verifika mingħajr dewmien, flimkien ma' dokumentazzjoni li tiċċertifika l-oriġini tagħhom, lill-awtorità speċifikata fl-Anness XXXVIIIB. L-Istat Membru fejn dawk l-oġġetti jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni għandu jiżgura s-sottomissjoni tagħhom lill-awtorità speċifikata fl-Anness XXXVIIIB. Jistgħu jingħataw tranżitu doganali għal dak il-għan. Jekk jingħata tali tranżitu doganali, il-verifika prevista f'dan il-paragrafu għandha tiġi sospiża sal-wasla ta' dawk l-oġġetti fl-awtorità speċifikata fl-Anness XXXVIIIB. L-importatur għandu jkun responsabbli għall-moviment kif suppost ta' dawk id-djamanti u tal-kostijiet ta' tali moviment. Sottomissjoni lil dik l-awtorità ma għandhiex tkun meħtieġa dment li l-merkanzija tkun qabel għaddiet mill-proċedura ta' verifika prevista f'dan il-paragrafu u dment li dan ikun ipprovat minn evidenza bbażata fuq it-traċċabbiltà, li tinkludi ċertifikat korrispondenti li jiċċertifika li d-djamanti ma jkunux ġew estratti, ipproċessati jew prodotti fir-Russja, kif previst fil-paragrafu 10.";

(c) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4, fil-mument tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza tal-pajjiż tal-oriġini tad-djamanti jew prodotti li jinkorporaw djamanti użati bħala inputs għall-ipproċessar tal-prodott f'pajjiż terz.

Mill-1 ta' Marzu 2025, l-evidenza bbażata fuq it-traċċabbiltà għall-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness XXXVIIIA għandha tinkludi ċertifikat korrispondenti li jiċċertifika li d-djamanti ma jkunux estratti, ipproċessati jew prodotti fir-Russja.";

(d) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"11. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-prodotti elenkati fil-Partijiet A, B u C tal-Anness XXXVIIIA jekk dawk il-prodotti kienu jinsabu fiżikament fl-Unjoni qabel id-data tal-applikabbiltà tal-projbizzjoni rispettiva u wara ġew esportati lejn pajjiż terz għajr ir-Russja.

Fil-mument tal-importazzjoni fl-Unjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza li l-prodotti kienu jinsabu fiżikament fl-Unjoni jew ċertifikat, ibbażat fuq dikjarazzjoni tal-ħażniet sottomessa, mill-awtorità speċifikata fl-Anness XXXVIIIB qabel l-esportazzjoni mill-Unjoni.

12. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-prodotti elenkati fil-Partijiet A, B u C tal-Anness XXXVIIIA jekk dawk il-prodotti kienu jinsabu fiżikament, illustrati jew manifatturati f'pajjiż terz għajr ir-Russja qabel id-data tal-applikabbiltà tal-projbizzjoni rispettiva.

L-importaturi għandhom, fil-mument tal-importazzjoni fl-Unjoni, jipprovdu evidenza li l-prodotti inizjalment kienu ġew importati fil-pajjiż terz qabel id-data ta' applikabbiltà tal-projbizzjoni rispettiva għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7102 10 00, 7102 31 00 u 7104 21 00. Għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7102 39 00 u 7104 91 00, kif ukoll għall-prodotti elenkati fil-Parti C tal-Anness XXXVIIIA, l-importaturi għandhom, fil-mument tal-importazzjoni, jipprovdu evidenza li l-prodotti finalment kienu ġew ipproċessati jew manifatturati fil-pajjiż terz, jew kienu jinsabu fiżikament fi stat ipproċessat jew manifatturat fil-pajjiż terz qabel id-data ta' applikabbiltà tal-projbizzjoni rispettiva.

13. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 4 u 5 ma għandhomx japplikaw għall-prodotti elenkati fil-Parti C tal-Anness XXXVIIIA manifatturati qabel l-1 ta' Settembru 2024, u għas-servizzi relatati jekk dawk il-prodotti jkunu ġew importati temporanjament fl-Unjoni minn kwalunkwe pajjiż terz jew territorju, għajr ir-Russja, jew importati wara esportazzjoni temporanja lejn kwalunkwe pajjiż terz jew territorju, għajr ir-Russja, dment li dawk il-prodotti jkunu tqiegħdu taħt il-proċeduri doganali ta' dħul temporanju, ta' pproċessar attiv, ta' proċessar passiv jew ta' esportazzjoni temporanja meta jkunu daħlu jew ħarġu mill-Unjoni.";

(13) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 3r

1. Għandha tkun ipprojbita l-provvista ta' servizzi ta' tagħbija mill-ġdid fit-territorju tal-Unjoni għall-finijiet ta' operazzjonijiet ta' trażbord ta' gass naturali likwifikat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2711 11 00, li joriġina mir-Russja jew li jiġi esportat mir-Russja.

2. Għandha tkun ipprojbita l-provvista, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

3. B'deroga mill-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw servizzi ta' tagħbija mill-ġdid għall-finijiet ta' operazzjonijiet ta' trażbord ta' gass naturali likwifikat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2711 11 00, li joriġina mir-Russja jew li jiġi esportat mir-Russja, jekk tali tagħbija mill-ġdid tkun meħtieġa għat-trasport tiegħu lejn Stat Membru u tali Stat Membru jkun ikkonferma li t-trażbord qed jintuża biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija f'dak l-Istat Membru.

4. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu regoli u gwida fil-livell nazzjonali. Tali regoli u gwida għandhom jinkludu rekwiżiti msaħħa ta' diliġenza dovuta b'mod partikolari għall-identifikazzjoni ta' servizzi ta' tagħbija mill-ġdid ipprovduti għall-fini ta' operazzjonijiet ta' trażbord, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-qafas regolatorju nazzjonali applikabbli għall-faċilitajiet tal-gass naturali likwifikat, il-prattiki kummerċjali preċedenti tal-ispedituri, il-ħin bejn il-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, indikazzjonijiet ta' konnessjonijiet kummerċjali diretti bejn il-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, inkluż ix-xiri ta' servizzi ġodda ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid f'pakkett, u l-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-operaturi ekonomiċi involuti.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mis-26 ta' Diċembru 2024, bir-regoli u l-gwida stabbiliti skont il-paragrafu 4, jew li mhux biħsiebhom jistabbilixxu tali regoli.

6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw sas-26 ta' Marzu 2025 għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2024.

7. Il-persuni ġuridiċi li jwettqu operazzjonijiet ta' ħatt ta' gass naturali likwifikat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2711 11 00, li joriġina mir-Russja jew li jiġi esportat mir-Russja, għandhom jinfurmaw sas-26 ta' Lulju 2024 u kull xahar minn hemm 'il quddiem lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu bl-operazzjonijiet ta' ħatt u bl-importazzjonijiet kollha fl-Unjoni ta' gass naturali likwifikat, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2711 11 00, li joriġina mir-Russja jew li jiġi esportat mir-Russja. Ir-rappurtar għandu jinkludi informazzjoni dwar il-volumi.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni riċevuta.

8. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika fil-każ ta' bastiment fil-bżonn ta' assistenza li qed ifittex post ta' rifuġju, ta' waqfa f'port ta' emerġenza għal raġunijiet ta' sikurezza marittima, jew għas-salvataġġ tal-ħajjiet fuq il-baħar jew għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew rispons għal diżastri naturali.

9. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija mill-ġdid meħtieġa għall-bunkering ta' bastimenti li jaħdmu bil-gass naturali likwifikat.

10. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-flussi, is-swieq u l-prezzijiet tal-gass naturali likwifikat, il-kompetittività tal-Unjoni, u s-sehem tal-importazzjonijiet tal-gass naturali likwifikat Russu fl-importazzjonijiet totali tal-enerġija tal-Unjoni. Hija għandha tirrapporta lill-Kunsill fil-każ ta' kwalunkwe żvilupp importanti marbut mal-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2, u mhux aktar tard mis-26 ta' Ġunju 2025. Il-Kunsill għandu jqis dawk ir-rapporti għar-rieżami tal-miżuri restrittivi.

11. Fil-każ ta' żviluppi importanti marbuta mal-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2, li jaffettwaw il-flussi, is-swieq u l-prezzijiet tal-gass naturali likwifikat, il-kompetittività tal-Unjoni jew is-sehem tal-importazzjonijiet tal-gass naturali likwifikat mir-Russja fl-importazzjonijiet totali tal-enerġija tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri ta' mitigazzjoni lill-Kunsill, akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt tagħhom.

Artikolu 3s

1. Fir-rigward ta' xi bastiment elenkat fl-Anness XLII, għandu jkun ipprojbit, direttament jew indirettament:

(a) l-għoti ta' aċċess għal portijiet, żoni tal-ankraġġ u magħlaq fit-territorju tal-Unjoni, u għal tali bastiment li jaċċessahom;

(b) l-importazzjoni fl-Unjoni, ix-xiri jew it-trasferiment tal-bastiment;

(c) il-bejgħ, il-forniment, inkluż in-noleġġ, jew l-esportazzjoni ta' tali bastiment;

(d) l-operat jew l-ekwipaġġar ta' tali bastiment;

(e) l-għoti ta' reġistrazzjoni tal-bandiera għall-benefiċċju ta' tali bastiment;

(f) l-għoti ta' assistenza finanzjarja u ta' finanzjament, inkluża l-assigurazzjoni, kif ukoll servizzi ta' senserija, inkluża s-senserija tal-bastimenti;

(g) l-għoti ta' assistenza teknika u servizzi oħra li jinkludu bunkering, servizzi tal-provvista ta' bastimenti, servizzi tal-bidla fl-ekwipaġġ, servizzi tat-togħbija ta' merkanzija u tar-rilaxx, servizzi tal-parabord u tal-irmonkar għall-benefiċċju ta' tali bastiment; u

(h) l-involviment fi trasferimenti minn bastiment għall-ieħor jew xi trasferiment ieħor ta' merkanzija, jew l-akkwist ta' xi servizz minn, tali bastiment.

2. L-Anness XLII għandu jinkludi bastimenti li:

(a) jittrasportaw prodotti u teknoloġija użati fis-settur tad-difiża u s-sigurtà, minn jew lejn ir-Russja, għall-użu fir-Russja jew għall-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna;

(b) jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum, kif elenkat fl-Anness XXV, li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja, filwaqt li jippratikaw prattiki tat-tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stabbilit fir-riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali;

(c) jiġu operati b'tali mod li jikkontribwixxu għal azzjonijiet jew politiki għall-esplojtazzjoni, l-iżvilupp jew l-espansjoni tas-settur tal-enerġija fir-Russja jew jappoġġawhom, inkluża l-infrastruttura tal-enerġija;

(d) jiġu operati b'tali mod li jikkontribwixxu għal azzjonijiet jew politiki li jimminaw jew jheddu s-sussistenza ekonomika jew is-sigurtà tal-ikel tal-Ukrajna jew jappoġġawhom, bħat-trasport ta' qamħ Ukren misruq, jew il-preservazzjoni tal-patrimonju kulturali tal-Ukrajna, bħat-trasport ta' beni kulturali Ukreni misruqa;

(e) it-trasport ta' oġġetti li joriġinaw fl-Unjoni jew li huma esportati minnha elenkati fl-Annessi XI, XX u XXIII ta' dan ir-Regolament, jew oġġetti li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja u importati fl-Unjoni elenkati fl-Anness XXI ta' dan ir-Regolament u b'hekk jippermettu l-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna;

(f) jiġu operati b'tali mod li jiffaċilitaw jew jinvolvu ruħhom fil-ksur jew l-evitar jew ifixklu mod ieħor b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tar-Regolament (UE) Nru 269/2014, (UE) Nru 692/2014, jew (UE) 2022/263; jew

(g) ikunu proprjetà, innoleġġati jew operati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014, jew użati mod ieħor f'isem tali persuni, jew fir-rigward jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fil-każ ta' bastiment, kif elenkat fl-Anness XLII, fil-bżonn ta' assistenza li qed ifittex post ta' rifuġju, ta' waqfa f'port ta' emerġenza għal raġunijiet ta' sikurezza marittima, jew għas-salvataġġ tal-ħajjiet fuq il-baħar jew għal finijiet umanitarji, jew għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew rispons għal diżastri naturali, jew għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru.

4. B'deroga mill-punti (a) u (g) tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li huma ġżira jistgħu jawtorizzaw bastiment elenkat fl-Anness XLII taħt il-paragrafu 2(e), biex jaċċessa portijiet u żoni ta' ankraġġ, u jirċievu servizzi skont il-paragrafu 1(g) taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) il-prodotti jkunu strettament meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' dak l-Istat Membru; u

(b) l-importazzjoni ta' tali oġġetti mhijiex ipprojbita mod ieħor skont dan ir-Regolament.

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 3t

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' prodotti u teknoloġija u l-forniment, dirett jew indirett, ta' servizzi lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja meta tali prodotti, teknoloġija u servizzi jkunu għat-tlestija ta' proġetti tal-gass naturali likwifikat, bħal terminals u impjanti.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' prodotti, teknoloġija u servizzi fir-Russja meta tali prodotti, teknoloġija u servizzi jkunu maħsuba għat-tlestija ta' tali proġetti tal-gass naturali likwifikat;

(b) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza finanzjarja jew ta' finanzjament relatata ma' prodotti, teknoloġija u servizzi fir-Russja meta tali prodotti, teknoloġija u servizzi jkunu maħsuba għat-tlestija ta' tali proġetti tal-gass naturali likwifikat.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sas-26 ta' Settembru 2024 ta' kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2024, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

Artikolu 3u

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, tal-gass naturali likwifikat, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2711 11 00, li joriġinaw fir-Russja jew esportati mir-Russja, permezz ta' terminals tal-gass naturali likwifikat LNG fl-Unjoni li mhumiex konnessi mas-sistema interkonnessa tal-gass naturali.

2. Għandu jiġi pprojbit il-forniment, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, assistenza finanzjarja jew ta' finanzjament jew kwalunkwe servizz ieħor relatat mal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw sas-26 ta' Lulju 2024 għal kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2024, jew kuntratt anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jaffettwaw il-provvista ta' gass naturali likwifikat ta' oriġini Russa mit-territorju kontinentali ta' Stat Membru lejn ir-reġjuni ultraperiferiċi tiegħu.

Artikolu 3v

1. Għandhom jiġi pprojbiti x-xiri, l-importazzjoni, it-trasferiment, il-bejgħ, il-forniment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti ta' proprjetà kulturali Ukreni u oġġetti oħra ta' importanza arkeoloġika, storika, kulturali, xjentifika jew reliġjuża rari, meta hemm raġunijiet raġonevoli għal suspett li l-oġġetti tneħħew mill-Ukrajna mingħajr il-kunsens tas-sid leġittimu tagħhom jew tneħħew bi ksur tal-liġi Ukrena jew tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari jekk l-oġġetti jiffurmaw parti integrali tal-kollezzjonijiet pubbliċi elenkati fl-inventarji tal-kollezzjonijiet ta' konservazzjoni ta' mużewijiet, arkivji jew libreriji Ukreni, jew tal-inventarji ta' istituzzjonijiet reliġjużi Ukreni.

2. Għandu jiġi pprojbit il-forniment, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, assistenza finanzjarja jew ta' finanzjament jew kwalunkwe servizz ieħor relatat mal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex tapplika jekk jintwera li:

(a) l-oġġetti ġew esportati mill-Ukrajna qabel l-1 ta' Marzu 2014; jew

(b) l-oġġetti qed jiġu ritornati f'sikurezza lis-sidien leġittimi tagħhom fl-Ukrajna."

(14) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 5ab

1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment dirett jew indirett fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-punt (a), (b) jew (c), tal-Artikolu 11(1), li ressaq ilment quddiem qorti Russa kontra persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 13 biex jikseb rimedju b'mandat ta' inibizzjoni, ordni, sentenza jew deċiżjoni oħra tal-Qorti skont l-Artikolu 248 tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Arbitraġġ tal-Federazzjoni Russa jew leġiżlazzjoni Russa ekwivalenti, b'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħha jkun ġie affettwat, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, bil-miżuri imposti skont dan ir-Regolament jew skont ir-Regolament (UE) Nru 269/2014, kif elenkat fl-Anness XLIII.

2. Sakemm ma jkunx ipprojbit mod ieħor, il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet li huma:

(a) meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, inkluż qamħ u fertilizzanti, li x-xiri, l-importazzjoni u t-trasport tagħhom huma permessi skont dan ir-Regolament;

(b) strettament meħtieġa biex jiżguraw aċċess għal proċedimenti ta' arbitraġġ ġudizzjarji, amministrattivi jew kummerċjali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 269/2014;

(c) mingħajr preġudizzju għall-punt (b) ta' dan il-paragrafu, strettament meħtieġa biex jiġu rkuprati d-danni skont:

(i) l-Artikolu 11a jew 11b ta' dan ir-Regolament; jew

(ii) l-Artikolu 11a tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

Artikolu 5ac

1. Għandu jkun ipprojbit, mill-25 ta' Ġunju 2024 li persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fl-Unjoni u li joperaw barra mir-Russja jikkonnettjaw direttament mas-System for Transfer of Financial Messages (SPFS) tal-Bank Ċentrali tar-Russja jew servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati ekwivalenti stabbiliti mill-Bank Ċentrali tar-Russja.

2. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mir-Russja kif elenkati fl-Anness XLIV.

L-Anness XLIV għandu jinkludi l-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi stabbiliti barra mir-Russja li jużaw is-SPFS tal-Bank Ċentrali tar-Russja jew is-servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati ekwivalenti stabbiliti mill-Bank Ċentrali tar-Russja jew mill-Istat Russu u li b'tali użu, (i) iżidu r-reżiljenza finanzjarja tar-Russja u (ii) jappoġġaw iċ-ċirkumvenzjoni tal-projbizzjonijiet f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) Nru 269/2014.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-26 ta' Settembru 2024 ta' kuntratti konklużi ma' persuna ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness XLIV qabel l-24 ta' Marzu 2024, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għar-riċevuta ta' pagamenti dovuti minn persuna ġuridika, entità jew korp elenkatifl-Anness XLIV I skont kuntratti mwettqa qabel l-24 ta' Marzu 2024.

5. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet li huma:

(a) strettament meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport dirett jew indirett ta' gass naturali, titanju, aluminju, ram, nikil, palladju u mineral tal-ħadid minn jew li jgħaddi mir-Russja lejn l-Unjoni, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera, jew il-Balkani tal-Punent;

(b) strettament meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport dirett jew indirett ta' żejt, inklużi prodotti petrolifiċi raffinati, mir-Russja jew minn ġo fiha, sakemm mhux ipprojbiti skont l-Artikolu 3m jew 3n;

(c) meħtieġa għax-xiri kif ukoll l-importazzjoni u t-trasport fl-Unjoni ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, inkluż qamħ u fertilizzanti li x-xiri kif ukoll l-importazzjoni u t-trasport tagħhom fl-Unjoni huma permessi skont dan ir-Regolament;

(d) meħtieġa għall-ħlas lura ta' dejn dovut lil ċittadin ta' Stat Membru jew lil persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fl-Unjoni;

(e) meħtieġa għall-ħlas ta' skema tal-pensjoni lil persuna stabbilita fl-Unjoni; jew

(f) meħtieġa għal pagament mill-Jewish Claims Conference, jew lilha.

6. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet li huma:

(a) meħtieġa għax-xiri, l-esportazzjoni, il-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, medikali kif ukoll agrikoli u tal-ikel, inklużi l-qamħ u l-fertilizzanti, li x-xiri, l-esportazzjoni, il-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew it-trasport tagħhom ikunu permessi skont dan ir-Regolament u huma meħtieġa għall-indirizzar tas-sigurtà tal-ikel f'pajjiżi terzi;

(b) strettament meħtieġa biex jiżguraw aċċess għal proċedimenti ta' arbitraġġ ġudizzjarji, amministrattivi jew kummerċjali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 269/2014;

(c) meħtieġa għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata, jew għal evakwazzjonijiet;

(d) meħtieġa għall-ħlas lura ta' dejn dovut lil ċittadin ta' Stat Membru jew lil persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni;

(e) jiddependu mill-involviment ta' persuna ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness XLIV biex tipprovdi servizzi bankarji korrispondenti; jew

(f) meħtieġa biex isir il-pagament minn ċittadin ta' Stat Membru jew persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni skont ftehim ta' self konklużminn Stat Membru.A

Artikolu 5ad

1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma':

(a) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mill-Unjoni li huma istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja jew entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi involuti fi tranżazzjonijiet li jiffaċilitaw, direttament jew indirettament, l-esportazzjoni, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew it-trasport lejn ir-Russja ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, oġġetti jew teknoloġija kif elenkati fl-Annessi VII, XI, XX u XXXV ta' dan ir-Regolament, oġġetti komuni ta' prijorità għolja kif elenkati fl-Anness XL ta' dan ir-Regolament, u armi tan-nar u munizzjon kif elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012, kif elenkati fl-Anness XLV ta' dan ir-Regolament; jew

(b) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet li huma:

(a) meħtieġa għall-esportazzjoni, ix-xiri, il-provvista, it-trasferiment jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, inkluż qamħ u fertilizzanti li l-esportazzjoni, ix-xiri, il-provvista, it-trasferiment jew it-trasport tagħhom lejn ir-Russja huma permessi skont dan ir-Regolament;

(b) strettament meħtieġa biex jiżguraw aċċess għal proċedimenti ta' arbitraġġ ġudizzjarji, amministrattivi jew kummerċjali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 269/2014; jew

(c) meħtieġa għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet."

(15) fl-Artikolu 5k(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) it-tħaddim, il-manutenzjoni, id-dekummissjonar u l-ġestjoni ta' skart radjuattiv, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, it-teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;";

(16) fl-Artikolu 51, il-paragrafu (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit li jingħata appoġġ dirett jew indirett, inkluż assistenza finanzjarja jew ta' finanzjament jew kwalunkwe benefiċċju ieħor fl-ambitu programm u kuntratti nazzjonali tal-Unjoni, tal-Euratom jew ta' Stat Membru fis-sens tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), lil:

(a) persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja;

(b) persuna ġuridika, entità jew korp li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' entità msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

(*) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193 30.7.2018, p. 1)";

(17) l-Artikolu 5l(2) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) it-tħaddim, il-manutenzjoni, id-dekummissjonar u l-ġestjoni ta' skart radjuattiv, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, it-teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(h) il-funzjonament tal-kmamar tal-kummerċ, tal-assoċjazzjonijiet ta' impriżi, taċ-ċentri kulturali u edukattivi, tal-istituzzjonijiet reliġjużi u tal-programmi ta' skambju akkademiku mill-Istati Membri fir-Russja;

(i) attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt jew kwalunkwe skop ieħor, bħall-ġurnaliżmu indipendenti jew il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament fir-Russja;

(j) programmi ta' responsabbiltà storika tal-Istati Membri u appoġġ tal-minoranzi etniċi tal-Istati Membri fir-Russja.";

(18) L-Artikolu 5n huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Il-paragrafi 1, 2, 2a u 2b ma għandhomx japplikaw sat-30 ta' Settembru 2024 għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-għoti ta' servizzi maħsuba għall-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna

ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VIII.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"8a. Il-paragrafi 1, 2 u 2a ma għandhomx japplikaw għall-provvista ta' servizzi, minn ċittadini ta' Stat Membru li huma residenti tar-Russja u li kienu hekk qabel l-24 ta' Frar 2022, lill-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punt (h) tal-paragrafu 10, li jkunu l-impjegaturi tagħhom, dment li dawn is-servizzi jkunu intenzjonati għall-użu esklużiv ta' dawk il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi.";

(c) fil-paragrafu 10, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) l-istabbiliment, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;";

(19) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"Artikolu 5s

1. Uffiċċji tal-proprjetà intellettwali kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru jew id-dritt tal-Unjoni, u istituzzjonijiet kompetenti oħra, għandhom jirrifjutaw:

(a) applikazzjonijiet ġodda għar-reġistrazzjoni ta' trademarks, privattivi, disinji industrijali, mudelli ta' utilità, denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, u indikazzjonijiet ġeografiċi ppreżentati minn ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, jew minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, inkluż jekk ippreżentati b'mod konġunt minn ċittadin Russu jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja ma' persuna fiżika jew ġuridika mhux Russa waħda jew aktar residenti jew stabbilita barra mir-Russja;

(b) kwalunkwe talba jew sottomissjoni mressqa minn ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, jew minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja matul il-proċeduri tar-reġistrazzjoni qabel tali uffiċċji tal-proprjetà intellettwali relatati ma' kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettwali msemmi fil-punt (a).

2. L-Istati Membri, fil-kapaċità tagħhom bħala Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar l-Għoti ta' Privattivi Ewropej tal-5 ta' Ottubru 1973, kif riveduta fis-17 ta' Diċembru 1991 u fid-29 ta' Novembru 2000 (il-'KEP') u fl-issodisfar tal-obbligi internazzjonali tagħhom meħuda fil-KEP, għandhom jagħmlu l-aħjar sforz biex jiżguraw li l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi jirrifjuta talbiet għal effett unitarju fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1257/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) li jiġu ppreżentati minn ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, jew minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, inkluż jekk ippreżentati b'mod konġunt minn ċittadin Russu jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja ma' persuna fiżika jew ġuridika mhux Russa waħda jew aktar residenti jew stabbilita barra mir-Russja.

3. L-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom bħala Stati Kontraenti għall-KEP u fl-issodisfar tal-obbligi internazzjonali tagħhom meħuda fil-KEP għandhom jagħmlu l-aħjar sforz biex jiżguraw li l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi ma jaċċettax applikazzjonijiet ġodda għar-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għal privattivi Ewropej li jiġu ppreżentati minn ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, jew minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, inkluż jekk ippreżentati b'mod konġunt minn ċittadin Russu jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja ma' persuna fiżika jew ġuridika mhux Russa waħda jew aktar residenti jew stabbilita barra mir-Russja.

4. L-Istati Membri u, fejn applikabbli, l-Unjoni, meta jaġixxu skont il-Konvenzjoni li Tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali tal-14 ta' Lulju 1967 u kif emendata fit-28 ta' Settembru 1979 (WIPO) għandhom jagħmlu l-aħjar sforz biex jiżguraw li d-WIPO jew l-uffiċċji tal-proprjetà intellettwali kostitwiti skont id-dritt ta' Stat Membru jew tal-Unjoni, jew l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, ma jaċċettawx applikazzjonijiet ġodda għal tali drittijiet

minn kwalunkwe ċittadin Russu jew persuna fiżika residenti fir-Russja, jew minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, inkluż jekk ippreżentati b'mod konġunt minn ċittadin Russu jew persuni fiżiċi residenti fir-Russja, persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja ma' persuna fiżika jew ġuridika mhux Russa waħda jew aktar residenti jew stabbiliti barra mir-Russja.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għal ċittadini ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew għal persuni fiżiċi li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.

Artikolu 5t

1. Għandu jkun ipprojbit li jiġu aċċettati donazzjonijiet, benefiċċji jew appoġġ ekonomiċi, inkluż finanzjament u assistenza finanzjarja, direttament jew indirettament, minn:

(a) il-Gvern tar-Russja;

(b) persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja li jkun ikkontrollat pubblikament jew b'aktar minn 50 % ta' sjieda pubblika;

(c) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mill-Unjoni li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' entità msemmija fil-punt (a) jew (b); jew

(d) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem entità msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu jew skont id-direzzjoni tagħha.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss għal:

(a) partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej, kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);

(b) partiti politiċi u alleanzi politiċi, kif definiti fir-Regolament (UE) 1141/2014, mingħajr preġudizzju għal prinċipji fundamentali ta' natura kostituzzjonali kif applikat fl-Istati Membri, li jirregolaw il-funzjonament ta' tali partiti u alleanzi politiċi;

(c) organizzazzjonijiet nongovernattivi stabbiliti jew irreġistrati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru; u

(d) fornituri ta' servizzi tal-media, kif definiti fir-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***), stabbiliti fi Stat Membru, mingħajr preġudizzju għall-prinċipji fundamentali ta' natura kostituzzjonali, kif applikati fl-Istati Membri, relatati mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, skont tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, l-aċċettazzjoni ta' donazzjonijiet, benefiċċji ekonomiċi jew appoġġ, inkluża assistenza finanzjarja u ta' finanzjament, mill-entitajiet imsemmija fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 2, dment li tali aċċettazzjoni bl-ebda mod ma tfixkel il-proċessi demokratiċi fl-Unjoni jew timmina l-fondazzjonijiet demokratiċi tagħha, inkluż permezz ta' kampanji ta' influwenza u l-promozzjoni tad-diżinformazzjoni, bil-għan li jimminaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u permezz ta' azzjonijiet ta' propoganda b'appoġġ għall-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 3 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2012 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2012 li jimplimentaw kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja (ĠU L 361, 31.12.2012, p. 1).

(**) Ir-Regolament ((UE), Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1).

(***) Ir-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media) (ĠU L, 2024/1083, 17.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1083/oj).";

(20) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) ksur u problema ta' infurzar, sanzjonijiet applikati għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali;";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4. Kwalunkwe dokument miżmum mill-Kunsill, il-Kummissjoni jew ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-Rappreżentant Għoli) għall-finijiet tal-iżgurar tal-infurzar tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, jew tal-prevenzjoni tal-ksur jew ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom, għandu jkun soġġett għas-segretezza professjonali u għandu jgawdi mill-protezzjoni mogħtija mir-regoli applikabbli tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. L-istess għandu japplika għall-proposti konġunti mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni għall-emendar ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe dokument preparatorju relatat magħhom.

Għandu jiġi preżunt li l-iżvelar ta' kwalunkwe dokument jew proposta msemmija fl-ewwel subparagrafu jippreġudika s-sigurtà tal-Unjoni jew ta' wieħed jew iktar mill-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom.";

(21) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet, inkluż fejn xieraq sanzjonijiet kriminali, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, u jistgħu jqisu l-awtodivulgazzjoni volontarja ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament bħala fattur mitiganti, f'konformità mal-liġi nazzjonali rispettiva. L-Istati Membri għandhom jipprevedu wkoll miżuri xierqa ta' konfiska tar-rikavat minn tali ksur.";

(22) jiżdied l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 8a

Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex jiżguraw li kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit barra mill-Unjoni li huma proprjetarji tiegħu jew li jikkontrollawh, ma jipparteċipax f'attivitajiet li jfixklu l-miżuri restrittivi previsti f'dan ir-Regolament.";

(23) fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti, abbażi ta' valutazzjoni speċifika skont il-każ, jistgħu jawtorizzaw, sal-31 ta' Diċembru 2024, l-issodisfar ta' pretensjoni magħmula minn waħda mill-persuni, l-entitajiet u l-korpi indikati fil-punt (b) tal-paragrafu 1, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li l-issodisfar tal-pretensjoni huwa strettament meħtieġ għall-iżvestiment mir-Russja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja.";

(24) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 11a

Kwalunkwe persuna msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 13 għandha tkun intitolata tirkupra, fil-proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati kompetenti tal-Istat Membru, kwalunkwe dannu, inklużi spejjeż legali, imġarrba minn dik il-persuna bħala konsegwenza ta' lmenti mressqa mal-qrati f'pajjiżi terzi minn persuni, entitajiet u korpi msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 11(1), b'rabta ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħha jkun ġie affettwat, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, bil-miżuri imposti skont dan ir-Regolament, dment li dik il-persuna kkonċernata ma jkollhiex aċċess effettiv għar-rimedji taħt il-ġuriżdizzjoni rilevanti.

Artikolu 11b

